MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 29/2010

Island Mushroom Growers Limited

-vs-

Veenpro-Ducten-Maatschappij Euroveen B.V.

Permezz ta’ din il-kawza[1] l-kumpannija attrici qeghda titlob hlas ta’ danni minghand is-socjeta konvenuta ghaliex kienet qeghda tikkonsenja *mushroom casing soil* ta’ kwalita inferjuri ghaliex kien kontaminat, u dan wassal ghal telf fil-produzzjoni ta’ faqqiegh.

Fost l-eccezzjonijiet li nghataw mis-socjeta konvenuta[2] hemm li:-

1. Il-qorti ghandha tordna soprasessjoni ghaliex il-kwistjoni diga’ tinsab pendenti quddiem il-Qrati Olandizi, u

[1] Rikors guramentat prezentat fit-30 ta’ Marzu 2010.
[2] Fol. 15.

ghalhekk il-qorti m'ghandix tkompli tiehu konjizzjoni tal-kawza sakemm sakemm dik il-qorti tiddetermina l-gurisdizzjoni taghha.
2. Din il-qorti m'ghandix gurisdizzjoni ghaliex il-merkanzija kellha tigi konsenjata f'Malta u mhux Ghawdex, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 770 tal-Kap. 12 m'ghandix gurisdizzjoni.

F'dan l-istadju ser jigu trattati dawn l-eccezzjonijiet li fir-risposta guramentata huma numerati 1 u 3 rispettivament.

Illum stess il-qorti ghadha kif tat sentenza parzjali fil-kawza **Casafunghi Limited vs Veenpro-Ducten-Maatschappij Euroveen B.V.** (Rikors 28/2010) li kienu jittrattaw eccezzjonijiet identici. F'dik il-kawza wkoll Casafunghi Limited qeghda titlob dikjarazzjoni li *mushroom casing soil* li xtrat minghand is-socjeta konvenuta hi ta' kwalita inferjuri ghaliex kontaminat, u qeghda titlob il-likwidazzjoni u hlas ta' danni.

Sabiex tigi evitata ripetizzjoni bla bzonn il-qorti qeghda taddotta *mutatis mutandis* ghal din il-kawza ir-ragunament li ghamlet fil-kawza fuq imsemmija.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda:-**

**1. Tichad it-tielet eccezzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.**

**2. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni u ghalhekk tordna s-soprasessjoni tal-kawza sakemm il-kawza fl-Olanda ssir gudikat, u tiddiferixxi l-kawza *sine die*. B'dan li l-kawza terga' tigi appuntata wara li ssir talba b'rikors u flimkien mieghu tinghata prova dokumentarja li s-sentenza hi gudikat. Spejjez a karigu tas-socjeta attrici.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------